MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Numru. 296/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANTHONY PORTELLI**
**KONTRA**

**KENNETH MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Kenneth Micallef ta' 30 sena, bin Victor u Carmen nee' Schembri, mwieled Pieta' nhar is- 7 ta' April 1980, residenti 94, Triq Hookham, Frere, Pieta' u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 179480M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli fit- 28 ta' Novembru 2010 u fil- gimghat ta' qabel, f' diversi bnadi f' dawn il- Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew xjentement kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' laqa' ghandu diversi rombli ta' pipijiet tar- ram li l- valur taghhom jeccedi €232.94 izda li ma jeccedix €2,329.37 li dawn l- imsemmija rombli gew misruqa minn ghand il- kumpanija Blye Engineering Co. Ltd. Liema fond huwa sitwat fi Triq in- Naxxar, San Gwann;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b'mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tisma' l-kawza tieghu bi procedura sommarja, u ghalhekk din il-Qorti giet hekk ikkonvertita ghal Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u ghaldaqstant dawn jirrisultaw soddisfacentement ippruvati ghall-Qorti, minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi kollha.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri kienu s-segwenti:

L-imputat kien gie avvicinat minn terz biex jara kienx interessat jixtri kwantita' ta' pajpijiet allegatament misruqa. L-imputat kien accetta, u b'hekk gie hati ta' ricettazzjoni. Fl-istqarrija tieghu hu jammetti l-involviment f'dan ir-reat, u jaghti l-identita' tal-persuna li ghaddielu l-oggetti misruqa. Tenut kont tal-fatt li r-res furtive giet ritornata, il-Qorti ma tarax li hemm il-htiega ta' piena ta' prigunerija f'dan il-kaz, u ghalhekk sejra tapplika sanzjoni fil-komunita' ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah bil- kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------